# Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li …

**Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li missieri kien se jagħtini karozza mill-isbaħ għal għeluq snini, u li kienet se ġġenninni.**

**Issa l-karozza ilha għandi mhux ħażin. Hija ħamra b'kulur ileqq daqs il-fidda. Malli rajtha lesta mill-ewwel għoġbitni. Peress li nilgħab biha kważi l-ħin kollu noqgħod b'seba' għajnejn biex ma nitlifilha xejn.**

**Il-karozza hija mudell. B'hekk tgħallimt kif ngħaqqad il-biċċiet flimkien waqt l-armar ta' xi mudell. Barra minn hemm kont jien li żbajtha b'żebgħa ħamra, għaliex il-kulur oriġinali tagħha kien abjad.**

**Meta tlift ir-rota ta' wara, għamilt geddum sa l-art. Bqajt infittixha avolja kelli waħda għal li jista' jiġri. U kif jgħid il-qawl, "Sant'Antnin isib il-ħwejjeġ mitlufin". Malli sibtha għajnejja ħadu d-dawl, u tbissima fuq wiċċi reġgħet saret viżibbli.**

**Minn hawn nixtieq nirringrazzja kemm lill-papà u anke lill-mamà ta' dan il-ġugarell sabiħ. Ngħidilkom li qatt ma kelli xi ħaġa daqshekk għal qalbi u tant sabiħa.**